**22 ta' Ġunju, 1959**

**Is-S.T.O. *Prof.* A.J. Mamo, *O.B.E., Q.C.,* B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E.,K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Mary Ellul**

***versus***

**Joseph Coleiro et.**

**Appell Fil-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat — Aċċettazzjoni ta' Eredità — Leġittima — Kwistjoni Proċedurali — Valur — Order-in-Council tat-22 ta' Novembru 1909.**

*Jekk f'kawża li l-attur jagħmel biex tiġi likwidata eredità biex mbgħad jiddelibera jekk jaċċettax l-eredità skond it-testment jew jitlob il-leġittima, il-konvenut jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju fuq il-motiv li l-attur ma jistax jitqies la bħala eredi u lanqas bħala leġittimarju, dik is-sentenza hija deċiżjoni ta' kwistjoni purament proċedurali, u xejn iżjed, li per sè ma taffettax il-konsistenza ta' dak li għalieh l-attur jista' jkollu dritt sew bħala eredi sew bħala leġittimarju, u għalhekk jibqa' impreġudikat id-dritt tal-attur li jagħżel il-leġittima f'lok l-eredità, u viċeversa. U għalhekk ma hux il-każ li minn sentenza simili jiġi konċess lill-attur il-permess li jappella minnha lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat.*

*Il-kwistjoni tal-valur involut fil-kawża lanqas tidħol xejn, f'dan il-każ; għax "de modo agitur, non de re". U lanqas ma hu soltu li l-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tar-Reġina jidħol fi kwistjoni ta' sempliċi proċedura ta' qorti lokali, meta s-sustanza tad-dritt tal-partijiet tibqa' bla preġudizzju effettiv.*

*Lanqas jista' raġjonevolment jingħad li l-kwistjoni proċedurali hekk deċiża hija waħda ta' importanza kbira ġenerali jew publika, li jixraq li tiġi mressqa quddiem il-Kunsill Privat; għax il-kwistjoni tinteressa biss lill-partijiet, u ma jistax*

*ikollha riperkussjonijiet fuq interessi ġenerali jew pubbliċi ta' importanza.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina (numru 27/58), li bih l-attriċi, wara li ppremettiet li fl-ewwel ta' Awissu 1957 miet il-Kavalier Giovanni Coleiro...... talbet li ...... (1) tiġi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejn il-mejjet Kavalier Giovanni Coleiro u l-konvenuta martu Giuseppina Coleiro; (2) dan l-assi hekk likwidat jiġi diviż f'żewġ porzjonijiet......; (3) jiġi likwidat l-assi partikulari tal-Kavalier *Giovanni Coleiro, li għandu* jiġi dikjarat jikkonsisti......; liema likwidazzjonijiet u diviżjonijiet qegħdin jintalbu sabiex l-attriċi tkun tista' tiddeċidi jekk għandhiex taċċetta d-dispożizzjonijiet testamentarji favur tagħha ordnati mill-mejjet missierha bit-testment tiegħu fuq ċitat, jew inkella għandhiex tirreklama l-leġittima lilha spettanti fuq l-istess assi ta' missierha;

Rat is-sentenza tad-19 ta' Mejju 1958 tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li laqgħet il-preġudizzjali opposta mill-konvenuta u lliberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attriċi;

Rat is-sentenza tas-6 ta' April 1959 ta' din il-Qorti, li rrespinġiet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi għak-kariku tal-appellanti;

Rat il-petizzjoni tal-attriċi, li talbet li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħtiha l-permess meħtieġ għalbiex tappella lill-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina, mill-imsemmija sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tas-6 ta' April 1959;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond l-Order-in-Council tat-22 ta' Novembru 1909, kif emendat bl-Order-in-Council tal-5 ta' Novembru 1942, jista' jsir appell lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill

Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina b'jedd, minn kull sentenza finali tal-Qorti, meta l-ħaġa li hemm appell fuqha hija ta' ammont jew ta' valur ta' £500 jew iżjed, jew jekk fil-ħaġa li hemm appell fuqha tkun tidħol, direttament jew indirettament, xi pretensjoni jew kwistjoni fuq jew dwar proprjetà jew jedd ċivili ta' ammont jew valur ta' £500 jew iżjed; u fid-diskrezzjoni tal-Qorti, minn kull sentenza oħra tal-Qorti, sew finali kemm interlokutorja, kemm il-darba fil-fehma tal-Qorti l-kwistjoni li hemm appell fuqha hija waħda illi, minħabba l-importanza kbira tagħha ġenerali jew publika, jew xort'oħra, jixraq li tiġi mressqa għad-deċiżjoni tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill;

Fis-sentenza appellata u konfermata minn din il-Qorti, il-konvenuti ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, għax l-attriċi kienet għadha ma ddeliberatx taċċetta l-eredità jew il-leġittima, u għalhekk la kienet leġittimarja u lanqas werrieta, u fin-nuqqas ta' waħda minn dawk il-kwalitajiet ma setgħetx teżerċita l-azzjoni ta' likwidazzjoni. Dik kienet deċiżjoni ta' kwistjoni purament proċedurali, u xejn iżjed, u per sè ma taffettax il-konsistenza ta' dak li għalieh l-attriċi jista' jkollha dritt sew bħala werrieta kemm bħala leġittimarja, u għalhekk baqa' impreġudikat id-dritt tal-attriċi li tagħżel il-leġittima f'lok l-eredità, jew viċeversa. U dan jibqa' dejjem il-każ sew jekk l-aċċertament tal-assi ereditarju jsir per mezz ta' kawża ta' likwidazzjoni kemm jekk isir permezz ta' inventarju taħt l-awtorità tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili. Għaldaqstant, il-kwistjoni tal-valur involut fil-kawża lanqas tidħol xejn, għax "de modo agitur, non de re". U mbgħad, mhux solitu li l-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tar-Reġina jidħol fi kwistjoni ta' sempliċi proċedura ta' qorti lokali, meta s-sustanza tad-dritt tal-partijiet tibqa' bla preġudizzju effettiv. U tabilħaqq, il-Halsbury, a propożitu, jirrileva li:— "The Committee is also unwilling to reverse a decision of a Dominion or Colonial Court on a question of procedure"; kif ġie deċiż mill-Privy Council fil-kawża Montreal Corporation vs. Brown and Spingle (1876), App. Cas. 168, P.C.;

Lanqas jista' raġjonevolment jingħad li l-kwistjoni proċedurali deċiża bis-sentenza appellata hija waħda ta'

importanza kbira ġenerali jew publika, li jixraq li tiġi mressqa quddiem il-Kunsill Privat; għax il-kwistjoni tinteressa biss lill-partijiet, u ma jistax ikollha riperkussjonijiet fuq interessi ġenerali jew pubbliċi ta' importanza;

Għaldaqstant ma jirrikorrux f'dan il-każ ir-rekwiżiti meħtieġa biex jiġi mogħti l-permess għall-appell mitlub mill-appellanti;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad it-talba għall-permess mitlub; *bl-ispejjeż kontra l-attriċi.*